# LEĦEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**LULJU-AWWISSU 1939 ]** **ID-DISA' SENA** **[ Għadd 101-102**

## IL-MALTI U L-ISTORJA

L-istorja hi r-rieda tal-poplu. Il-ġrajja li bihom tissawwar l-istorja; il-grajja li ħajjithom itwal minn ftit jiem; il-ġrajja li jidħlu fil-bini ta' kull pajjiż u jagħtuh bixra li xejn ħlief ġrajja oħra aqwa minnhom ma jista' jħassarha, huma ġrajja li jinħadmu minn poplu li għandu *moħħ* li jaħseb, *rieda* li tiħtar, *ruħ* li tħoss. Bniedem waħdu qatt ma bena storja, jekk miegħu ma kellux ir-rieda tal-poplu. Il-kotra hi aqwa minn wieħed u aqwa minn ftit; u r-rieda ta' poplu hi aqwa mir-rieda ta' wieħed u aqwa mill-qawwa tat-theddid ta' min jiflaħ bl-armi. Ir-rieda ta' poplu tellgħet slaten fuq it-tron u niżżlithom; qanqlet gwerer u sewwiet tweġħir bejn ġnus; ħarbtet artijiet bil-ġlied jew fawwrithom bil-ġid.

Malta wkoll għandha l-istorja tagħha, storja maħduma minn poplu żgħir, imma li għandu moħħ li jaħseb, rieda li tiħtar, ruħ li tħoss. U għax il-poplu Malti, bħal popli oħra, mhux statwa mejta magħluqa f'Mużew imma għandu ruħ li tifhem, trid u tħoss; għandu ruħ li tgħix f'nofs popli ħajjin u f'ħajja li kull jum iġġib magħha ħteġiet ġodda u kull jum toqtol u tidfen drawwiet qodma, l-istorja tal-poplu Malti għandha wkoll tikber u titbiddel mal-mixi u mat-tibdil taż-żmenijiet, mad-dħul ta' drawwiet ġodda u ta' ħteġiet ġodda.

It-tibdil taż-żmenijiet qajjem il-lsien Malti u tah ħajja ġdida. Kien hemm min ħaseb li dan kien kollu thewdin ta' moħħ marid. Imma ma kienx. Ħadd mill-

ewwel ħaddiema tal-Malti ma ħolom li jgħabbi fehimtu fuq il-poplu. Ħadd. Ħsiebna kien biss li ngħożżu dak li hu tagħna. Għaddew ftit snin u ħsiebna sar il-ħsieb tal-kotra; u xewqitna saret ir-rieda tal-poplu. Aħna ridna ngħożżu lsienna, nirqmuh, ma nħalluhx jitħassar u jintilef. U dik l-ewwel ċaqliqa tagħna bil-ftit il-ftit neħħiet il-loppju li kien iżomm 'il niesna reqdin raqda tal-mewt, stenbħu, raw id-dawl u fid-dawl raw kruhithom u minn ġo qiegħ qalbhom ħarġet għajta: "Aħna Maltin, u l-Malti jkun ilsienna!" U hekk il-qawma tal-lsien Malti daħlet fl-istorja, u daħlet bil-jedd tar-rieda tal-poplu li waħdu jibni u jħott l-istorja.

U jekk il-Malti daħal fl-istorja, min jiflaħ joħorġu? Jekk il-qawma tal-Malti hi r-rieda tal-poplu, min jiflaħ għaliha? Għalxejn it-tagħjir, għalxejn it-tehdid, għalxejn it-tmaqdir, għalxejn il-kisi tal-mibegħda bil-libsa tat-tjubija. Il-Malti u la hu l-Professur Saydon u l-anqas il-Professur Aquilina; u la Dun Karm u l-anqas Temi Zammit; u la *Il-Malti* u l-anqas *Leħen il-Malti*; u la l-Għaqda tal-Kittieba u l-anqas Ix-Xirka għat-Tixrid tal-Lsien Malti. Il-Malti hu r-rieda tal-poplu. Imutu l-kittieba u jintemmu l-Għaqdiet u x-Xirkiet, imma l-Malti jibqa' u jibqa' sakemm iddum ir-rieda ta' poplu ħieles. Is-sawt tal-għedewwa jista' jolqot lil dan jew dak il-kittieb, imma ma jolqotx il-Malti. Il-Malti jibqa' miexi rebbieħ, igħaffeġ u jisħaq taħt id-dras misnuna tar-rota ta' l-istorja r-rjus tal-għedewwa.

Imma mhux tassew li l-Malti daħal fl-istorja, igħidu x'uħud; il-Malti għadu, bħalma kien, ħolma ta' rjus morda. Tajjeb, inweġibhom bħalma wieġeb wieħed għaref dsatax-il-mitt sena ilu. Jekk dil-qawma tal-Malti hija ħolma ta' bniedem waħdu, jew ta' ftit, tħabbtux raskom għax weħidha tmut; imma jekk inhi ġejja mir-rieda tal-poplu, tagħmlu x'tagħmlu ma tirbħux.

P. P. Saydon